31998R0954

L 133/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.5.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 954/98

tas-6 ta' Mejju 1998

li jissupplimenta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2301/97 dwar il-kitba ta' ċerti ismijiet fir-'Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku' li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel

(Test b'relevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 [1] ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel (1), u b'mod partikolari Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi, bi qbil ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, l-Istati Membri kienu baqgħtu lejn il-Kummissjoni applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet bħala ċertifikati ta' karattru speċjali;

Billi l-ismijiet irreġistrati jistgħu jintużaw mal-kitba 'speċjalità tradizzjonali ggarantita' li hija rriservata għalihom;

Billi oġġezzjoni kienet intbagħtet lejn il-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [2] ta' l-ismijiet fl-Anness t'hawnhekk, iżda li kienet sussegwentament irtirata;

Billi dawk l-ismijiet jistgħu għalhekk jinkitbu b'dak il-mod fir-'Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku' u għalhekk ikunu protetti ma' tul il-Komunità kollha bħala speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti;

Billi l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2301/97 [3] jrid ikun issuplementat bl-Anness t'hawnhekk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness t'hawnhekk huma miżjuda mal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2301/97 u mdaħħla fir-'Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku' bi qbil mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 21, tal-21.1.1997, pp. 5-16.
[3] ĠU L 319, tal-21.11.1997, p. 8.

L-ANNESS

— "Kriek", "Kriek-Lambic", "Framboise-Lambic", "Fruit-Lambic"/"Kriek", "Kriekenlambiek", "Frambozenlambiek", "Vruchtenlambiek" ([1]),

— "Lambic", "Gueuze-Lambic",/"Geuze"/"Lambiek", "Geuze-Lambiek", "Geuze"(L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92) ([1]).

([1]) Il-punti ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jinsabu fl-ĠU K 21, 21.1.1997, pp. 5-16.